MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 8/2001/1

**Mildred Ferando**

**vs**

**Loris Bianchi proprio, kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Jannar, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra c-citazzjoni ta' l-attrici fejn wara li hi qalet li:-

Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera fl-24 ta’ Mejju 2001, fl-ismijiet Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta’ Ezekutur Testamentarju ta’ Maria Stilon de Piro Bianchi vs Brian u Moira ahwa Ferando u b’Digriet tat-18 ta’ Gunju 1997, giet kjamata in kawza Mildred Ferando (Rikors Numru 38B/95), li kopja taghha qed tigi hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok. A, dana l-istess Bord laqa’ t-talbiet tar-rikorrenti (illum konvenut) pro et noe, billi awtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fondi enumerate 17,19 u 23, Tower Road, Sliema u pprefigga t-terminu ta’ tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza msemmija, ghall-fini ta’ l-izgumbrament mill-fondi de quo;

Illi kontestwalment ma’ dina l-kawza, l-attrici (gja’ kjamata fil-kawza) qed tipprezenta Citazzjoni quddiem l-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita’ tieghu ta’ Ezekutur Testamentarju ta’ Maria Stilon de Piro Bianchi fejn qed titlob ir-ritrattazzjoni ta’ l-imsemmi Rikors Numru 38B/95 fl-ismijiet premessi;

Illi, ghalkemm personalment l-attrici ma ghandha ebda involviment fil-gestjoni u tmexxija tan-negozji adoperati mill-fondi de quo, li ilhom mikrijin ghand il-familja ta’ zewgha, il-Kaptan Espedito Ferando, illum mejjet, ghal circa tmenin (80) sena, hija tiddependi sostanzjalment ghall-ghajxien taghha mid-dhul percepit mill-istess negozji, specjalment in vista tal-fatt illi, minhabba l-eta’ avvanzata taghha, ghandha bzonnijiet specjali;

Illi inoltre, bint l-attrici, Moira Ferando, li tghix ma’ ommha sabiex tassistiha fil-bzonnijiet taghha, tahdem fuq bazi part time f’wiehed mill-hwienet gestiti mill-fondi de quo, u b’hekk tassisti anke finanzjarjament lill-attrici bhalma jaghmel ukoll binha, Brian Ferando;

Illi fl-24 ta’ Awissu 2001, il-konvenut pro et noe, gja rikorrenti fir-Rikors fl-ismijiet fuq premessi, ikun awtorizzat illi jipprocedi bl-ezekuzzjoni tas-Sentenza ta’ l-24 ta’ Mejju 2001, bil-konsegwenza illi l-attrici u l-membri tal-familja taghha, ikunu kostretti illi jivvakaw u jizgombraw mill-fondi

de quo, liema fondi jikkostitwixxu l-uniku mezz ta' ghajxien ghalihom;

Illi l-fondi de quo jservu bhala hwienet separati ghall-bejgh ta' merkanzija diversa, bhal xorb, helu u wkoll, costume jewellery, u l-hwienet kollha jigu gestiti minn Brian Ferando, bin l-attrici, li jimpjega wkoll xi lavranti u salespersons sabiex jassistuh fil-bejgh tal-merkanzija;

Illi inoltre, l-izgumbrament ta' l-attrici u l-familja taghha mill-fondi de quo, jirreka wkoll pregudizzju konsiderevoli lill-avvjament u n-negozju adoperat mill-istess fondi, f'kaz illi l-fondi de quo jigu eventwalment ritornati lill-istess attrici u l-familja taghha in forza ta' l-ezitu tat-talba ghar-ritrattazzjoni tar-Rikors Numru 35B/95, kif mitluba permezz tac-Citazzjoni pprezentata kontestwalment ma' dina l-kawza, kif fuq premess, f'liema kaz, tali avvjament ikun ingieb totalment fix-xejn;

Illi l-ezekuzzjoni tas-Sentenza ta' l-24 ta' Mejju 2001, ser tikkaguna pregudizzju irrimedjabbli lill-attrici, li certament huwa akbar mill-pregudizzju li jista' jsofri l-konvenut pro et noe bhala rizultat tat-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni ta' l-istess sentenza.

Illi, ghalhekk fic-cirkostanzi, huma pjenament sodisfatti r-rekwiziti ta' l-Artikolu 823 (2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

<u>Talbet li</u>:-

Jordna s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-istess Bord li Jirregola l-Kera, fl-24 ta' Mejju 2001, fl-ismijiet: Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi vs Brian u Moira ahwa Ferando u b'Digriet tat-18 ta' Gunju 1997, giet kjamata in kawza Mildred Ferando, u dan pendenti l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet: Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Ezekutur Testamentarju ta' Maria Stilon de Piro Bianchi, pendenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut pro et noe, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fil-kwalita` tieghu fuq imsemmija fejn eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni hija rrita u nulla stante li l-garanzija moghtija mill-attrici mhiex adegwata u sufficjenti u l-anqas ma hija idoneja u accettabbli ghall-eccipjent proprio et nomine peress illi l-garanti propost mhux idoneju u ghandu interess dirett fl-ezitu tal-kawza.

2. Illi mhuwiex minnu li l-esekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna pregudizzju akbar lill-attrici milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni jkun jikkaguna lill-eccipjent proprio et nomine u ghalhekk it-talba attrici ma'ghandhiex tigi akkolta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-su eccepit, it-talba attrici m'ghandhiex tintlaqa' kif proposta minnha izda se mai s-sospensjoni tas-Sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni ghandha tigi ristretta ghall-attrici biss stante li l-imsemmija Sentenza ora mai tikkostitwixxi res judicata fil-konfront ta' ulied l-attrici (Brian u Moira ahwa Ferando), l-intimati l-ohra fil-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Ra d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidra dwar l-eccezzjoni moghtija fis-7 ta’ Novembru 2001.

1. Illi din ic-citazzjoni hi dwar is-sospensjoni tas-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fir-rikors 38B/95 fl-24 ta’ Mejju 2001 fl-ismijiet

“Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta’ esekutur testamentarju ta’ Maria Stilon de Piro Bianchi.

vs

Brian u Moira ahwa Ferando u b’digriet tat-18 ta’ Gunju 1997 giet kjamata in kawza Mildred Ferando”.

2. Din il-procedura imxiet bi ftehim mal-partijiet flimkien ma dik tac-citazzjoni 9/01 fejn saret talba ghat-thassir tas-sentenza fuq imsemmija u smiegh mill-gdid ta’ l-istess wara li b’digriet tal-10 ta’ Awissu 2001 il-Bord ordna s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza sa l-ewwel smiegh tal-proceduri.

3. B’sentenza moghtija llum fil-kawza fl-istess ismijiet (citaz. 9/01) il-Bord ghar-ragunijiet hemm imsemmija laqa’ l-eccezzjoni moghtija fis-7 ta’ Novembru 2001 li inghatat f’dawn il-proceduri wkoll.

4. Ghall-istess ragunijiet il-Bord qed jiddikjara din il-procedura irrita u nulla u qed jichad it-talba ghas-sospensjoni tas-sentenza moghtija fir-rikors nru 38B/95 fl-24 ta’ Mejju 2001 fl-ismijiet “Loris Bianchi proprio kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta’ esekutur testamentarju ta’ Maria Stilon de Piro Bianchi vs Brian u Moira Ferando u b’digriet tat-18 ta’ Gunju 1997 giet kjamata in kawza Mildred Ferando”, l-ispejjez jithallsu mill-attrici.”

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti dwar dan l-appell mis-sentenza li biha l-Bord cahad it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza hi din. Dan ma hu xejn aktar hlief *computer print out* ta’ l-appell fuq il-

meritu principali, kif facilment ravvizat minn semplici paragun bejn iz-zewg atti.

Din il-Qorti ma tistax ma ticcensurax pratika simili anke ghaliex, kif ritenut f'kazi li jixxiebhu, "*din ma hi xejn hlief sinjal ta' nuqqas ta' rispett lejn il-gudikant, u mhux eskluz li f'certi kazi jista' jwassal ghall-isfilz proprju ta' l-appell billi dan kellu jigi nkwadrat bl-aggravji li jirrelataw ma', u jemergu minn, konsiderandi tas-sentenza appellata*". ("**Lino Debono –vs- Av. Toni Abela LL.D.**, Appell, 6 ta' Ottubru 2000).

Issa hu car li dan l-appell kien dipendenti fuq ir-rizultat tal-appell bejn l-istess partijiet, u li qed jigi deciz kontestwalment mal-odjerna procedura.

F'dik id-decizjoni din il-Qorti ghall-konsiderandi fiha zvolti irrespingiet l-appell interpost quddiemha fil-kawza tar-ritrattazzjoni fl-istess ismijiet (Citaz 9/01/JC). Il-konsegwenza ghalhekk fil-konfront tal-prezenti appell hi wahda ovvja u logika. Dan l-appell ma jistax ikollu rizultat differentement minn dak raggunt fir-rigward ta' l-appell l-iehor interpost.

Ghal dawn il-motivi tirrespingi t-talba tal-appellanti ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Bord illi Jirregola l-Kera fl-24 ta' Mejju 2001 u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata tad-29 ta' Jannar 2002 li permezz taghha l-Bord cahad l-istess talba.

L-ispejjez tal-kawza u tal-appell ghandha tbatihom l-istess appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

--------------------------------TMIEM--------------------------------